MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2006

Numru 962/2005

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR RAYMOND D'ANASTAS**

**VS**

**CARLO AGIUS**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Carlo Agius, ta' 33 sena, bin Joseph u Iris nee' Azzopardi, imwieled Attard nhar it-8 ta' Jannar, 1971, residenti fil-fond numru 80, Triq San Luqa, Gwardamangia, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 130271 (M);

Akkuzat talli nhar il-11 ta' Dicembru, 2004 ghall-habta tal-17:15hrs, gewwa Triq il-Gebbieda, Qormi:

1. Kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied;

2. U aktar talli ngurja jew hedded lill-familja Cardona bil-kliem;
3. U aktar talli hedded bil-gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin, u cioe' qasrija, jew waddabhom, jew qabad armi ohra kontra Georgette Cardona minn Hal-Qormi;
4. U aktar talli kkaguna fertit ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Georgette Cardona, skond kif iccertifika Dr Anton Briffa MD, ta' F.H.C;
5. U kif ukoll talli kkaguna hsara volontarja li taccedi l-Lm50.00 (hamsin lira maltin), ghad-dannu ta' John u Giorgia Cardona.

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat ghall-ewwel (1) u l-hames (5) akkuza fil-verbal tal-lum;
Wara li rat ir-rinunzja ghall-azzjoni da parti ta’ John u Georgette Cardona, *stante* ftehim milhuq mill-imputat, skond il-verbal tal-lum.

Ikkunsidrat:

Wara li rat l-Artikolu 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikolu 339 1(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikolu 339 1(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta' Malta;
L-Artikolu 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
U kif ukoll l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qiegheda ssib lill-imsemmi mputat Carlo Agius hati tal-ewwel (1) u l-hames (5) akkuza migjuba kontrieh, u tillliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlitt (3) xhur mil-lum, *ai termini* tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

*Inoltre* din il-Qorti tornda lill-istess Carlo Agius ihallas is-somma ta' Lm100.00 (mitt lira maltin) fi zmien xahar (1) mil-lum, bhala danni sofferti minn John u Georgette Cardona, *ai termini* tal-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligjiet ta' Malta.

Din l-istess Qorti tiddikkjara it-tieni (2), it-tielet (3), u r-raba' (4) akkuza procediment ezawrit, in vista tal-verbal tal-lum.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------